MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Numru. 253/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ramon Mercieca]**

**vs**

**Francesca Saverio Bonnett**
**Sandro Bonnett**

**Kumpilazzjoni Numru: 253/2010**

**Illum, 10 ta' Dicembru, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra

**Francesca Saveria Bonnett,** ta' 29 sena, bint Carmel u Bernardette nee' Grixti, imwielda Pieta', nhar it -23 ta' Lulju, 1981 u residenti fil-fond numru 39, Triq Sant'Elena, Sliema u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 449481(M); u

**Sandro Bonnett**, ta' 36 sena, bin Anthony u Carmen nee' Pisani, imwieled Pieta', nhar il-10 ta' Lulju, 1974 u residenti fil-fond numru 39, Triq Sant' Elena, Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 372174(M).

Akkuzati talli nhar il-4 ta' Marzu, 2010 u fix-xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer:-

Bhala l-persuni li zammew jew qablu li jzommu xi annimali gieghlu lil l-stess annimali, fosthom ghasafar, fniek u klieb, issofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u abbandunawhom tali li inzammu, f'gaggeg zghar hafna u minghajr ilma u ikel u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (2), Taqsima IV, tal-Kapitolu 439 Dwar il-Harsien ta' l-Annimali;

U aktar talli fl-istess zminijiet, hin, lok, u cirkostanzi zammew annimali jew qablu li jzommu annimali ghandhom u ma kienux responsabbli ghat-trattatment xieraq taghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) u 8(3), Taqsima IV, tal-Kapitolu 439 Dwar il-Harsien ta' l-Annimali.

Rat l-artiokolu 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk tattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijijet.

Rat l-arti processwali

Ikkundsidrat

Illi l-imputat jiggestixxu pet shop fejn saret spezzjoni minn spettur ta'l-animal welfare. Jirrizulta li fis-27 ta' Ottubru 2009 kienet saret spezzjoni; dak in-nhar gew notati xi nuqqasijiet u l-imputat Sandro Bonnett inghata twissija. F'Marzu 2010 l-animal welfare ircevew rapport iehor dwra dan il-pet shop u saret spezzjoni ohra.

Illi fit-tieni spezzjoni irrizulta li kien hemm puppies u fniek mizumin f'kaxxex tal-kartun minghajr ilma u iekel; barra l-hanut, fix-xemx, kien hemm klieb ta' certu daqs f'gaggeg zghir wisq ghalihom tant li ma setghux jiccaqilqu. Kien hemm ukoll hafna ghasafar f'gagga wahda li kien fiiha hafna hmieg.

Illi l-imputat xehedu; huma jaghti verzjoni radikalment differenti minn dik li jaghtu l-ispetturi ta'l-animal welfare. Huma jichdu li qatt zammew l-annimali li jkollhom fil-hanut taghhom fi stat hazin hekk kif jichdu li ma kienux jzommu il-hanut, il-gaggeg u l-kaxxex li jkun hemm fihom l-annimali indaf.

Illi f'tenttativ biex jikkorroboraw il-verzjoni taghhom l-imputati ressqu bhala xhieda zewg pesuni, it-tnejn pulizija. Dawn iz-zewg persuni t-tnejn qalu li huma delettanti ta'l-annimali u ta' spiss kiennu jmorru ghand dan il-pet shop meta kienu jkunu fuq ir-ronda Santa Venera; jghidu li kull meta li marru qatt ma raw affarijijet li f'l-opinjoni taghhom setghet tikkwalifika bhala mohqrija u nuqqas ta' ndafa.

Illi ghandu jinghad li minbarra il-verzjonijiet tad-diversi persuni li tressqu bhala xhieda l-unika prova ohra li ghandha l-Qorti hija ritratt li ttiehed waqt l-ispezzjoni ta'l-4 ta' Marzu 2010. Ghalkemm l-imputati permezz ta'l-avukat taghhom pruvaw jakkattaw l-awtenticiita ta' dan ir-ritratt l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li dak ir-ritratt ittiehed dak in-nhar ta' l-ispezzjoni u li juri l-faccata tal-pet shop. Dan ir-ritratt juri gaga tal-hadid li fiha hemm zewgt iklieb imdaqqsin; il-gagga qeghda barra fix-xemx; ghandha bhala il-qugh ghax-xemx xi bicciet tad-drap u kartellun li huwa riklam tal-hamim li hemm ghal bejgh fil-hanut.

Illi ghandu jigi rilevat li fil-kors ta’ dawn il-proceduri ma gew prodotti l-ebda guidelines dwar x’ghandu jkun id-daqs ta’ gagga, sia ghall-klieb sia ghall-ghasafar; mhux talli hekk talli tqajjem dubbju dwar l-ezistenza ta’ tali guidelines.

Illi pero irrispettivament minn l-ezistenza o meno ta’ guidelines ufficjali f’dan is-sens, il-mohqrija fil-konfront ta’ kwalunkwe animal tista’ tirrizulta b’applikazzjoni tal-buon sens f’l-apprezzament ta’ dak li jirrizulta ictu oculi.

Illi anke kieku l-Qorti kellha tiskarta kull prova ohra migjuba u toqghod biss fuq dak li juri r-ritratt fuq imsemmi, tkun sodisfatta li l-mod kif kienu mizmuma dawn il-klieb jikostitwixxi mohqrija. Jidher car minn dak ir-ritratt li dawk iz-zewg klieb ma kellhomx  fejn jiccaqalqu u kienu esposti ghall-elementi. Il-Qorti lanqas ma tista’ tinjora l-fatt li ftit hin wara li saret l-ispezzjoni mizmuma mill-ispetturi ta’l-aniaml welfare, l-ufficjal prosekutur zar dan il-pet shop u seta’ jinnota li l-imputata kienet qed tahsel; in oltre hija kienet kwazi qed tistenna li jmur ufficjal tal-pulizija biex ikompli l-investigazzjoni.

Illi tenut kont tas-suespost l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konisderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, il-fatti li wasslu ghas-sejbin ta’ htija u ghal-fedina penali taghhom li hija netta.

Ghal dawn il-motivil-Qorti wara li rat l-artiokolu 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom multa ta’ hames mitt Euro (€500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------